A.L. 107 tal-2021

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda". Titolu. Kap. 291.

2. Kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet:- Reat skedat.

(a) tar-Regolamenti tal-2021 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Għeluq ta' Ħwienet ta' Bejgħ Mhux Essenzjali u Ħwienet li Jipprovdu Servizzi Mhux Essenzjali; A.L. 91 tal-2021.

(b) tar-Regolamenti tal-2021 dwar l-Attivitajiet Sportivi ta' Kuntatt; A.L. 76 tal-2021.

(ċ) tal-Ordni tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Ħwienet u Ħwienet ta' Bejgħ mhux Essenzjali li Jipprovdu Servizzi mhux Essenzjali; A.L. 90 tal-2021.

(d) tar-Regolamenti tal-2021 dwar Avvenimenti tal-Massa Organizzati; A.L. 78 tal-2021.

(e) tal-Ordni tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku; A.L. 87 tal-2021.

(f) Regolamenti tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb; u A.L. 75 tal-2021.

(g) Ordni tal-2021 dwar Vjaġġar Essenzjali bejn Malta u Għawdex, A.L. 86 tal-2021.

għandu jitqies bħala reat skedat għall-finijiet tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja.

3. Fl-ewwel Kolonna tal-Iskeda għandu jiżdied dan li ġej: Jemenda l-Iskeda.

"Regolamenti tal-2021 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Għeluq ta' Ħwienet ta' Bejgħ Mhux Essenzjali u Ħwienet li

Jipprovdu Servizzi Mhux Essenzjali;

Regolamenti tal-2021 dwar l-Attivitajiet Sportivi ta' Kuntatt;

Ordni tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Ħwienet u Ħwienet ta' Bejgħ mhux Essenzjali li Jipprovdu Servizzi mhux Essenzjali;

Regolamenti tal-2021 dwar Avvenimenti tal-Massa Organizzati

Ordni tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku;

Regolamenti tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb;

Ordni tal-2021 dwar Vjaġġar Essenzjali bejn Malta u Għawdex.".